TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 181/14/F

**Michael u Carmen Galea**

**vs**

**Mike's Motors – Michael Bonello u Darren Bonello**

Illum 28 t'April, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 t'Awwissu, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900), rappreżentanti differenza tal-liċenzja bil-konsegwenza ta' *Emission Tax* minħabba l-fatt li ġie nfurmat li għandu jħallas ammont ta' *road license tax* meta fil-fatt qed iħallas ammont iktar ta' *road license tax*.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li t-Tribunal ordna li jiġi rappreżentant ta' Malta Transport li dehret Karen Cremona li tat xhieda fuq dan il-każ, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara l-karozza u ġie nfurmat illi r-*road license tax* kienet se tkun ammont, meta fil-fatt beda jgħaddi ż-żmien, ġie innutat illi l-ammont kien ferm iktar minn dak li kien ġie nfurmat bihom, u għalhekk qed jitlob id-differenza ta' dawn l-affarijiet tul is-snin.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi min ibiegħ għandu l-obbligu illi jinforma lil min qed jixtri bl-eżatt bl-affarijiet u bil-kundizzjonijiet, b'hekk ma jsir ebda qerq. F'dan il-każ it-Tribunal mhux konvint illi kien hemm xi qerq imma iktar huwa konvint li kien hemm żball *daparte* tal-intimat meta biegħlu l-vettura, pero' l-konsegwenzi kienu illi r-rikorrenti qed iħallas ferm iktar minn dak li kien infurmat bih.

It-Tribunal iħoss ukoll illi hemm ċertu responsabbilta' fuq ir-rikorrenti li jassigura ruħu li dak li qed jixtri huwa minnu wkoll, għalkemm hija iktar ir-responsabbilta' tal-intimat milli tar-rikorrenti.

It-Tribunal, wara li sema' lil Karen Cremona li hija rappreżentanta ta' Transport Malta, huwa konvint illi l-komputazzjoni kif ħadimha l-intimat hija inqas mir-realta' li kellu jħallas.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u lix-xhieda, jinnota li t-talba tad-danni tkopri kważi l-*lifespan* tal-karozza li hija ftit esaġerata, u jikkonkludi li l-ammont ġust illi l-intimat għandu jħallas huwa ta' tmien mitt ewro (€800).

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tmien mitt ewro (€800), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**